Qorti tal-Apell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 80/2016

**Gu Zhiting**

**Vs**

**Direttur tac-Cittadinanza u tal-Expatriates u Avukat Generali**

28 ta' Lulju, 2017.

1. Fil-15 ta' Dicembru, 2016 ir-rikorrentipprezenta rikors fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn ilmenta minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni li fil-25 ta' Novembru, 2016 kien iddecieda:

   *"This is an appeal from a decision of the respondent department dated 29th September 2016 by means of which the appellant was denied a Single Permit on the grounds that the requested feedback was not submitted by 7th September 2016 and that the employer had to inform the Department whether his establishment had any intention to recruit nationals of Malta or of other EU Member States in future;*

   *Having seen the appeal submitted, the Board observes that this appeal does not address the reasons for refusal cited by the respondent department. As a result, the appeal does not effectively challenge the reason for refusal. Moreover, there is no indication that the feedback requested was submitted and that the reassurance sought by the respondent department was provided".*

2. L-ilment tar-rikorrenti kien li t-taghrif mitlub kien inghata u quddiem il-Bord kienu tressqu r-ragunijiet ghalfejn id-decizjoni tad-Dipartiment kienet qeghda tigi kontestata. Inoltre ssostni li l-Bord tal-Appell ha decizjoni minghajr ma ha in konsiderazzjoni l-informazzjoni li nghatat mir-rikorrenti u minghajr ma ta l-opportunita sabiex tispjega l-kaz.

3. Skont l-artikolu 25A tal-Kap. 217 id-decizjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni li jolqtu persuni bhal dawk imsemmija fit-Taqsima III tal-Att, huma finali bl-eccezzjoni li jinghata dritt ta' appell fuq punt ta' dritt quddiem din il-qorti. Appell li ghandu jsir fi zmien ghaxart (10) ijiem.

4. B'digriet moghti fl-24 ta' April, 2017 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghamel riferenza ghall-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 u ddikjara li ma kellux kompetenza biex jisma' u jiddeciedi l-kaz u li skont l-imsemmija disposizzjoni

il-kaz kellu jinstema' quddiem din il-qorti. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-*proviso* tal-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12 baghat l-atti quddiem din il-qorti.

5. Fil-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2017 jinghad:

   *"Il-qorti talbet lid-difensur tal-appellanti biex jispjega x'inhi r-raguni li mid-decizjoni tal-Immigration Appeals Board ma pproponix appell quddiem din il-qorti u ddikjara li r-raguni kienet li l-appell jitratta punt ta' fatt stante li l-appellanti ssostni li meta talbet biex iggedded il-work permit, tat it-taghrif mitlub mid-Dipartiment.*

   *Il-qorti ser tiddeciedi wkoll dwar il-validita' ta' dan l-appell fis-sens jekk sarx fit-terminu kontemplat mil-ligi".*

6. Mill-atti jirrizulta li:
   (i) Fil-25 ta' Novembru, 2016 inghatat id-decizjoni mill-Immigration Appeals Board;
   (ii) Fil-15 ta' Dicembru, 2016 ir-rikorrenti ipprezentat ir-rikors fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.
   (iii) Fit-12 ta' Jannar 2017 l-intimati pprezentaw twegiba, fejn b'mod preliminari ddikjaraw:

      *"Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxu li dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jisma' dan l-appell u dan peress illi d-decizjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni huma decizjonijiet finali "hlief ghar-rigward ta' punti ta' dritt decizi mill-Bord rigward decizjonijiet li jkunu jolqtu persuni bhal dawk imsemmija fit-Taqsima III (tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta), li minnhom jista' jkun hemm appell fi zmien ghaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri) u dan ai termini tal-Artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Immigrazzjoni)".*

   (iv) Fl-24 ta' April, 2017 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ddikjara li m'ghandux kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi l-kaz u baghat l-atti quddiem din il-qorti.

7. Hu fatt li appelli minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni jista' jsir biss fuq punt ta' fatt (ara artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217). F'dan l-istadju mhuwiex rilevanti jekk l-appell mid-decizjoni tal-25 ta' Novembru, 2016 huwiex fuq punt ta' dritt, kif tezigi l-ligi.

8. Li hu zgur hu li quddiem din il-qorti ma giex prezentat appell fit-terminu kontemplat fl-imsemmija disposizzjoni. Il-fatt li r-rikors gie pprezentat fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mhu ta' ebda beneficcju. Hu minnu li nghata digriet *ai termini* tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12, pero' dak kien jitratta l-eccezzjoni dwar kompetenza li nghatat mill-intimati. B'daqshekk ma jfissirx

li l-appell gie ntavolat fit-terminu. Terminu li hu perentorju u ghalhekk mhux soggett ghal estensjoni.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell null bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.